# MALTA PPREPARATA BIEX TAFFRONTA R-RISKJI



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi



Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna mal-Kummissarju Ewropew tal-Ġustizzja, Vera Jourova

Fil-bidu ta' din il-ġimgħa, barra li kelli l-laqgħa tal-Eurogroup u l-Ecofin li jsiru bejn il-Ministri tal-finanzi tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea, kelli wkoll laqgħa importanti mal-Kummissarju Ewropew responsabbli mill-Ġustizzja, Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Ugwaljanza, Vera Jourova. Hi responsabbli wkoll li tara li kull Membru Stat qed jaħdem biex jintlaħqu l-miri tal-Kummissjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar illeċitu tat-terroriżmu.

Din il-laqgħa saret wara li jien tlabt lill-uffiċċju tagħha biex niltaqgħu ħalli nispjega x'wettaqna tul dawn l-aħħar xhur minn meta hi kellha laqgħa miegħi ġewwa Malta f'Ġunju li għadda.

Matul il-laqgħa ta' nhar it-Tnejn l-1 ta' Ottubru, jien tkellimt fuq għaxar inizjattivi li wettaqna fi spazju qasir ta' tliet xhur, inizjattivi li huma ffukati proprju fuq il-ġlieda tal-ħasil tal-flus u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet regolatorji u ta' superviżjoni ta' pajjiżna.

Lill-Kummissarju Jourova, tajtha kopja tar-rapport li tlesta mill-Ministeru tal-finanzi, li jien responsabbli għalih, dokument li jelenka r-riżultati ta' eżerċizzju li sar b'reqqa kbira u fuq medda ta' żmien, fuq ir-riskji li kull settur finanzjarju u setturi ekonomiċi importanti li pajjiż jaffaċċja. L-importanza ta' din l-evalwazzjoni toħroġ mill-fatt li jekk trid li tfassal pjan jew strateġija biex tindirizza xi nuqqasijiet jew riskji, l-ewwel trid tkun taf x'inhuma dawn in-nuqqasijiet jew riskji.

It-tieni dokument li jien ipproduċejt, kien dokument dwar l-istrateġija u l-pjan li Malta sejra twettaq fit-tliet snin li ġejjin. Dawn jindirizzaw kull riskju li ġie identifikat. Hawnhekk irrid insemmi li meta wieħed jitkellem fuq riskju, ma jridx jiftiehem li kull riskju hu nuqqas. Xejn minn dan. Bħal kull ħaġa oħra tul il-ħajja ta' bniedem, hemm riskji, u tajjeb li tkun taf x'inhuma dawn ir-riskji biex int tipprepara ruħek biex taffronta bl-aħjar mod dawn ir-riskji ħalli tegħlibhom.

Aħna identifikajna ftit inqas minn ħamsin riskju u fassalna l-istess numru ta' inizjattivi biex nindirizzawhom kollha. Il-pjan juri wkoll kif għandha tiġi implimentata l-inizjattiva u minn min. Għalhekk, dan id-dokument juri b'mod ċar li huwa manwal b'impenn li pajjiżna lest li jagħmel u jidħol għalih. Dan ma kienx xi eżerċizzju magħmul bl-għaġġla bl-iskop li taparsi qed nagħmlu xi ħaġa. Għall-kuntrarju, b'mod ċar qed nuru l-impenn sħiħ li Malta qiegħda taħdem biex tikkumbatti l-problema li teżisti f'kull pajjiż madwar id-dinja, fejn jidħol il-problema ta' ħasil ta' flus.

B'wiċċi minn quddiem, kont f'pożizzjoni nsemmi li l-ewwel inizjattiva elenkata f'din l-istrateġija u pjan t'azzjoni, kienet diġà twettqet. Qed nirreferi għat-twaqqif tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni Nazzjonali li hu responsabbli biex jara li l-pjan ta' azzjoni biex tiġi indirizzata l-problema tal-ħasil ta' flus, tiġi mwettqa.

Għax filwaqt li l-istituzzjonijiet Maltin kienu qed jaħdmu u kellhom strateġija, li kien qed jiġri hu li ma kienx hemm koordinament permanenti bejn dawn l-istituzzjonijiet. Dan il-kumitat u s-segretarjat, li hu l-id amministrattiva ta' dan il-kumitat sejjer jindirizza din il-lakuna li kien hemm.

Biex dan il-koordinament ikun effettiv, fuq dan il-kumitat hemm il-kapijiet tal-entitajiet ewlenin tal-pajjiż, fosthom l-Avukat Ġenerali; il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta; iċ-ċermen tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji; iċ-ċermen tal-Awtorità Maltija tal-Gaming; l-ogħla uffiċjal tal-FIAU; il-kummissarju tal-Pulizija; iċ-Ċerman tal-Asset Recovery Bureau.

Dan il-kumitat qiegħed jiġi mmexxi mis-segretarju permanenti tal-Ministeru għall-finanzi.

Kont ukoll kburi nsemmi r-riżultati pożittivi li qed joħorġu dwar Malta minn istituzzjonijiet ewlenin internazzjonali.

Matul il-ġimgħa l-oħra, ħarġet l-aħbar li Malta tinsab fir-raba' post mill-Istati Membri fejn jidħol il-ġbir ta' flus mill-VAT, indikatur magħruf bħala VAT Gap. Filwat li fil-midja dejjem jissemma u jiġi spekulat li f'Malta għandna ħafna evażjoni ta' ħlas u ġbir tal-VAT; il-Kummissjoni Ewropea, ħarġet b'dan ir-riżultat fejn xejnet għalkollox din l-impressjoni li kienet qed tintefa' fuq pajjiżna. Fil-fatt, b'mod konkret, dan ir-riżultat juri li f'Malta m'hemmx evażjoni rampanti fejn jidħol ġbir ta' VAT. Dan ifisser li f'Malta għandna governanza u dixxiplina fl-entitajiet tagħna u qegħdin naħdmu b'mod għaqli fejn tidħol l-evażjoni fiskali.

Riżultat ieħor tajjeb kien dak li ħareġ il-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) fejn evalwa s-sistemi li Malta għandha fejn jidħol kontroll fuq l-infiq tal-gvern u t-trasparenza fir-rappurtar tal-operat tal-gvern. F'dan ir-rapport jirriżulta kif Malta hi fost l-aqwa pajjiżi, u fi wħud mill-kriterji ġejja qabel dawn il-pajjiżi Ewropej, meta kkumparati ma' pajjiżi Ewropej oħra, liema pajjiżi huma kkunsidrati bħala xempju ta' trasparenza. Għalhekk għandna għalxiex inkunu kburin b'dawn ir-riżultati.

Semmejt ukoll l-eżitu tal-evalwazzjoni li saret b'reqqa liema bħalha, mill-istess Fond Monetarju Internazzjonali, din id-darba permezz ta' eżerċizzju kbir tagħha magħruf bħala FSAP. F'dan ir-rigward, Malta ġiet skrutinizzata minn sbatax-il espert mondjali li evalwaw is-sistemi finanzjarji tagħna; l-istabbilità finanzjarja tas-setturi Maltin u kif kull settur qed jilqa' u għandu sistemi li jilqgħu r-riskju tal-ħasil ta' flus. Filwaqt li r-riżultat finali ta' dan l-iskrutinju, jiġi ppubblikat fil-bidu tas-sena d-dieħla, il-Fond Monetarju Internazzjonali infurmani b'eżitu tar-riżultat.

Għandi l-pjaċir ngħid li jien sodisfatt ħafna bir-rapport li se jkun ippubblikat fuq Malta. Dan ir-rapport se jkun riżultat u ċertifikat tajjeb ieħor fuq Malta. Kull meta joħroġ rapport bħal dan, dejjem ikun hemm rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib u dan aħna nilqgħuhom għax hu importanti li dejjem inkomplu naħdmu biex inkomplu ntejbu l-istituzzjonijiet tagħna.

Aħbar oħra tajba kienet il-fatt li l-Awtorità Bankarja Ewropea kkonkludiet li mhix se tipproċedi li tieħu passi kontra l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) fuq kif din l-Awtorità mxiet dwar il-każ tal-Pilatus Bank. Anzi, l-Awtorità ġiet imfaħħra kif imxiet fuq dan il-każ.

Ma stajtx ma nsemmix l-eżitu tar-rapport maġisterjali li ħareġ mill-Maġistrat Aaron Bugeja dwar il-każ tal-Egrant. Ir-rapport wera biċ-ċar li din kienet qlajja' u gidba mill-bidu sal-aħħar ibbażata fuq firem u xhieda foloz. Kien hemm min kellu skop ulterjuri biex iħammeġ mhux biss lil pajjiżna iżda anki jitfa' dell ikrah fuq il-Prim Ministru u l-mara tiegħu.

Mal-Kummissarju Jourova, urejt it-tħassib tiegħi dwar il-mod kif Malta qed tiġi trattata b'mod inġust u fuq il-pressjoni politika li qed issir fuq istituzzjonijiet hekk imsejħa indipendenti, biex dawn joħorġu b'rapporti negattivi fuq Malta. Hija inġusta li Malta tiġi użata u kkastigata fuq nuqqasijiet gravi li seħħew f'pajjiżi oħra. Malta għandha tiġi evalwata fuq dan li tagħmel.

Ħaddieħor għandu jbati l-konsegwenzi għan-nuqqasijiet li jkun għamel hu. Dan hu dritt fundamentali tal-liġi tad-dritt.

Sfortunatament, meta wieħed iqis ukoll dak li ġara f'dawn l-aħħar jumejn, jidher li Malta se tibqa' tiġi attakkata inġustament għal skopijiet ulterjuri.